Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,125, 14 ta' Settembru, 2007
Taqsima B

A.L. 256 ta' l-2007

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2007 tal-Kors għall-Grad ta' European Master in Mediterranean Historical Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2007 tal-Kors għall-Grad ta' European Master in Mediterranean Historical Studies.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Arti;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji, li għandu jinkludi membri mill-Istituzzjonijiet Imsieħba, maħtur mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u għall-organizzazzjoni tal-Kors;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Mediterranean Historical Studies;

"l-Istituzzjonijiet Imsieħba" tfisser l-istituzzjonijiet li qed jieħdu sehem fil-proġett bl-għajnuna tal-fondi ta' l-UE 74922-IC-1-2003-1-MT-ERASMUS-PROGUC-2, jiġifieri:

University of Sofia, Bulgaria (Sofiki Universitet 'Sveti Kliment Ohridski')
National and Kapodistrian University of Athens, Greece (Ethniko Kai Kapodistriako Panepistimio Athinon)
Aristotle University of Thessaloniki, Greece (Aristoteleio Panepistimio Thessalonikis)
University of Pisa, Italy (Università di Pisa)

University of Malta (l-Università ta' Malta)
University of Valencia, Spain (Universitat de València); u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji żviluppat mill-Istituzzjonijiet Imsieħba li jwassal għall-grad ta' Master in Mediterranean Historical Studies.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2007 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. Biex jidħlu fil-Kors, l-applikanti għandu jkollhom il-grad ta' Bachelor ikklassifikat mill-anqas bit-Tieni Klassi bl-Unuri jew fil-Kategorija II f'suġġett relatat minn din l-Università jew grad minn università rikonoxxuta oħra, meqjus mis-Senat bħala ekwivalenti.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq tnax-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħhom fi studju fuq bażi *part-time*.

(2) L-istudenti li qed jistudjaw fuq bażi *part-time* huma meħtieġa jirreġistraw fil-bidu ta' kull sena akkademika.

Il-Programm ta' Studji

5. Il-programm ta' studji huwa magħmul minn taqsimiet studju mgħallma, li għalihom hemm assenjati 50 kredtu ECTS, u dissertazzjoni, li għaliha hemm assenjati 25 kredtu ECTS. Il-programm għandu jkun ippubblikat qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

6. (1) Il-Bord ta' l-Istudji għandu jħejji katalgu tat-taqsimiet studju mgħallma kollha li huma offruti. Il-katalgu għandu jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(2) L-istudenti kollha huma meħtieġa jiksbu mhux anqas minn 20 kredtu ECTS minn waħda mill-Istituzzjonijiet Imsieħba minbarra mill-Università ta' Malta.

Il-Valutazzjoni

7. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tad-dissertazzjoni għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fi-tabella li ġejja:

Firxa ta' Marki	Grad
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
45% - 54%	D
0 - 44%	F

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom ikunu mniżżla fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti. Madankollu, il-marka perċentwali biss għandha tintuża biex tkun ikkalkulata l-klassifikazzjoni finali tar-rikonoxximent.

8. L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju mgħallma għandhom ikollhom valutazzjoni supplimentari darba biss. Jekk ma jgħaddux, l-istudenti jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors. Fil-valutazzjonijiet supplimentari, l-ogħla marka u grad li jistgħu jingħataw huma 45% - grad D.

Id-Dissertazzjoni

9. (1) Il-programm ta' studji jinkludi l-kitba ta' dissertazzjoni, ta' madwar 25,000 kelma, dwar xi aspett ta' l-istorja Mediterranja, iżda li ma għandux ikun marbut għal kollox ma' l-istorja ta' pajjiż l-istudent. L-istorja ta' pajjiżhom tista' tkun imdaħħla jekk it-tema globali hija wiesgħa biżżejjed u x-xeħta ta' l-istudju tinvolvi paragun u/jew l-istudju ta' konnettività. Id-dissertazzjoni għandha tkun jew rekord ta' xogħol oriġinali jew espressjoni ordnata u kritika ta' data eżistenti dwar is-suġġett approvat. Id-dissertazzjoni għandha tissodisfa lill-Bord ta' l-Eżaminaturi dwar il-lingwa u l-preżentazzjoni letterarja. Is-suġġett tad-dissertazzjoni għandu jkun approvat mill-Bord ta' l-Istudji.

(2) L-ebda dissertazzjoni ma' tkun aċċettata jekk tkun identika fis-sustanza għal dokument li diġà ġie sottomess għal grad fl-Università ta' Malta jew f'xi università oħra jew għal xi materjal ippubblikat ieħor. L-istudenti, madankollu, ma jkunux imwaqqfa milli jinkorporaw xogħol li diġà sar bħal dan jekk ikun meħtieġ għall-preżentazzjoni u l-fehim isħeħ ta' l-espożizzjoni tagħhom, sakemm li n-natura u l-firxa tax-xogħol inkorporat ikunu ndikati ċarament fid-dissertazzjoni nnifisha.

10. (1) Il-Bord għandu jaħtar superviżur għal kull student. Is-superviżuri jistgħu jirreferu lill-Bord ta' l-Istudji l-istudenti li jikkunsidraw li l-progress tagħhom mhux sodisfaċenti u għandhom jirreferu xi tibdil sustanzjali fit-titlu jew fil-konenut tad-dissertazzjoni għall-approvazzjoni tal-Bord.

(2) L-istudenti għandhom jiksbu l-parir bil-miktub tas-superviżur tagħhom dwar jekk il-livell mistenni ntlaħaqx, qabel is-sottomissjoni tad-dissertazzjoni tagħhom. L-istudenti jistgħu jissottomettu d-dissertazzjoni tagħhom kontra l-parir tas-superviżur tagħhom b'responsabbiltà tagħhom iżda huma meħtieġa jehmżu l-parir tas-superviżur dwar id-dissertazzjoni tagħhom.

11. (1) Kull dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord ta' l-Eżaminaturi magħmul mill-anqas minn tliet eżaminaturi. Mill-anqas wieħed mill-eżaminaturi għandu normalment ikun eżaminatur barrani minn waħda mill-Istituzzjonijiet Imsieħba.

(2) L-istudenti normalment ikunu meħtieġa joqogħdu għal eżami *viva voce* biex jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom.

12. L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom tinstab mhux sodisfaċenti jistgħu jitħallew mill-Bord, wara rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi, jerġgħu jissottomettuha f'forma riveduta fi żmien perijodu ta' mhux anqas minn xahrejn u mhux aktar minn sitt xhur mill-ġurnata meta tkun irriferuta lura lilhom.

L-Għoti tal-Grad

13. (1) L-istudenti jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-għoti tal-Grad jekk huma jiksbu l-75 kredtu ECTS indikati fir-regolament 5.

(2) Il-klassifika finali tal-Grad għandha tqis ir-riżultati kollha miksuba fil-valutazzjonijiet tal-komponent mgħallem tal-Kors u tad-dissertazzjoni, u għad-difiża orali jekk din ġiet mitluba.

(3) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.